**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar tal-Hamis, 24 ta' Ottubru 2019.**

**Rikors nru: 165/2017 AGV**

**AB (ID nru: 225478 M)**
**Vs**
**Direttur Registru Pubbliku**
**CD ( ID nru: 538612M), u Dr Christopher Chircop u PL Daniel Aquilina, bhala Kuraturi Deputati ghal minuri EDB, li gew appuntati b' digriet tas- 6 ta' Gunju 2018.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' AB datat 10 ta' Lulju 2017 fejn ippermettiet u talbet;

1. Illi l-esponenti kienet mizzewga lil certu CD izda hija legalement separata ma' l-imsemmi C sa mil- 15 ta' Lulju 2014. Dok MM1 ;
2. Illi waqt li kienet mizzewwga lill-intimat, hija kellha relazzjoni extra-maritali ma' persuna li ma tafx min hu. Fil- fatt aktar ma kienet relazzjoni kif wiehed jifimha, din kienet dik li nafuha bhala one night stand.

3. Illi l-istess Dok. MM1, l-istess parijiet iddikjaraw li l-intimat mhux il-missier naturali ta' Kezia;
4. Illi din il-minuri twieldet nhar l- 24 ta' April 2009, kif jirrizuta mil-anness certifikat tat-twelid, u mmarkat bhala Dok MM3 liema tifla minuri, tinsab fil-kura u kustodja tal-esponenti u tittrabba esklussivament minnha;
5. Illi saru testijiet xjentifici minn fejn jirrizulta li CD mhux l-missier naturali tal-minuri E, Dok MM 2.
6. Illi dan kollu li nghad ser jigi ppruvat waqt is-smigh u trattazzjoni ta' dal-proceduri.

Ghaldaqstant, jghidu l-intimati ghaliex ma ghandhix din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi dil-kawza billi :-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmija minuri EDB mhix il-wild naturali ta' CD b' mod li ghalhekk hemm lok ghall-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-imsemmija minuri f' das-sens.
2. Tordna ghalhekk il-korrezzjoni fl-att ta-twelid tal-imsemmija minuri EDB bili jigu kkancellat minn kull fejn jinsabu imnizzla fl-istess att tat-twelid il-konnotati kollha tal-intimat CD u l-istess jigu sostitwiti b' dak it-taghrif ili jigi ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti, u/ jew tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar u jikkancella mic-certikat tat-twelid, tal-imsemmija minuri EDB, l-isem u konnotati ta' CD, kull fejn jirrikorru u minflok , fejn hemm ' Missier it-tarbija', jitnizzel' Missier Mhux maghruf'.

Bl-ispejjez kontra l-intimat CD.

Rat ir-risposta ta' Direttur tar-Registru Pubbliku fejn Dr. Astrid May Grima ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur tesponi bil-qima u bil-gurament taghha;

1. Illi prelimarjment l-esponenti jirrileva li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont kif jipprovdi l-artikolu 181 B (3) tal-Kap. 12 tal-Ligjijiet ta' Malta. Isegwi ghalhekk illi t-terminu ghall-prezentata tar-risposta ghadu ma bedix jiddikorri;
2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ticcepixxi illi l-attrici ma ddikjaratx taht liema artikolu tal-Ligi, qed isejjes din il-kawza istanti. Ghaldaqstant, f' dal-istadju l-esponenti tirriserva id-dritt taghha li tissolevva eccezzjonijit ultejuri meta l-attrici tiddikjara taht liema artikolu ipprezentat l-azzjoni de quo;
3. Illi bla hsara ghall-premess, l-esponenti tassumi l-azzjoni prezenti giet intavolata ai termini tal-artikolu 77 B tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta. Ghaldaqstant, l-esponenti tirrileva li jekk l-azzjoni hija ibbazata fuq tali disposizzjonijiet tal-Ligi, l-istess azzjoni hija intempestivament li ai termini tal-arikolu 77 C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta Malta l-attrici kellha tipprezenta dil-azzjoni fit-terminu ta' sitt xhur mit-twelid tal-minuri EDB. Gialadarba, it-terminu preskritt mil-ligi skada, l-esponenti tirrileva ili sabiex din l-azzjoni tkun tista' tirnexxi, din kellha tkun procedura minn rikors quddiem il-Qorti Civili, Sezzjoni Tal-Familja, saibex wara dil-istess Qorti, tkun semghet il-partijiet interessati kollha u qieset ukoll id-drittijiet tar-rikorrenti, u l-minuri E , tghaddi sabiex taghti l-awtorizzazzjoni mehtiega ghall-procediment tal-azzjoni odjerna;
4. Illi sussegwentament, u bla pregudizzju ghas-suespost, mill-atti li gew notifikat lill-esponenti, tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni mehtiega li permezz taghha gew mahtura xi kuraturi deputati, sabiex jirraprezentaw lill-minuri EDB;
5. Illi salv il-premess, mil-bqija ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza, l-esponenti mhux edott mil-fatti li gew ddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk dwar il-mertu huwa jirrimettu ruhu ghad-decizjonijiet ta' dina l-

Onorabbli Qorti, salv pero' li l-provi migjuba ghandhom ikunu l-ahjar u kif ukoll sodisfacenti f' ghajnejn il-Ligi;

6. Illi dan ifisser li huwa necessarju, f' dal-istadju illi sabiex tirnexxi din il-kawza istanti, jrid ikun hemm il-prova illi fi zmien bejn it-tlett mitt gurnata u mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-minuri E, kien hemm adulterju da parti tal-attrici u di piu' dan ghandu ukoll jigi ppruvat permezz ta' fatt iehor, inter alia, testijiet genetici li jeskludu lill CD, bhala l-missier naturali tal-imsemmija minuri E;
7. Illi minghajr pregudizzju, ghal premess ghalkemm jidher illi gie pprezentat test tad-DNA, kemm-il darba dan jitqies li huwa wiehed validu. Xorta wahda ehtieg illi l-istess test ikun mahluf mit-tekniku li jkun wettaq it-test u dana sakemm l-Onorabbli Qorti, ma thossx il-htiega illi dan ghandu jerga' jsir mill-gdid ai temini tal-Artikolu 100 A tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta;
8. Illi sussegwentament u bla pregdizzju ghal dak premess, l-esponenti hija tal-umli fehma illi jkun fl- ahjar interess tal-minuri E illi dan tal-ahhar tkun taf min hu missierha naturali. Ghaqdastant, jekk jintlaqghu t-talbiet tal-attrici, ikun ta' beneficcju u xieraq illi l-istess attrici AB, tispecifka min hu l-missier naturali li b' hekk dan jkun jista' jigi imsejjah fil-proceduri istanti, permezz tal-applikazzjoni tal-artikolu 149 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
9. Illi bla pregudizzju, ghas-suespost, il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b' mod definittiv liema kujom ghandha tassumi l-minuri EDB a tenur tal-artikolu 92 sub-inciz 6 tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta;
10. Illi bla hsara ghas-suespost, f' kaz li tintlaqa' t-tmien eccezzjoni tal-esponent, l-esponenti jinvita lill-missier naturali ta' EDB sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, sena l-isem u kunjom, 2. Id-dokument tal-Identita', 3. L-eta' tieghu meta twieldet EDB, 4. Il-Post tat-twelid tieghu, 5. Il-post tar-residenza tieghu meta twieldet il-minuri, 6.

Isem u kunjom ta' missieru. 7. Jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet l-minuri EDB. Tali informazzjoni hija mehtiega sabiex eventalment tkun inserita fl-att tat-twelid tal-istess minuri.

11. Illi subordinatament, dejjem la hsara ghas-suespost, f' kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attrici, l-esponent jirrileva illi din l-Onorabbli Qorti ghandha ukoll jekk joghgobha tordna li jigu mnehhija l-kelmiet, the said, li jinsabu qabel isem CD, senjatament taht il-kolonna, u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm mill-att tat-twelid in kwistjoni;
12. Illi finalament, l-esponent dejjem bla pregudizzju surriferit, l-esponent jissotometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni odjerna, mhix attribwita ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir, tal-esponent u ghaldaqstant, huwa ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;
13. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

B-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda minn issa tigi ingunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-kuratur Deputati appuntati, Dr Christopher Chircop u PL Daniel Aquilina, fejn qed jidhru ghall-minuri EDB, li qed jesponu bir-rispett illi;

1. L-esponenti ma humiex edott mill-fatti u ghalhekk qed jirrizervaw id-dritt li jipprezentaw ir-risposta motivati f' kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Fil-verbal tat-Tlieta 20 ta' Novembru 2018, il-Qorti tosserva li l-konvenut CD qed jigi notifikat seduta stante fiz-zewg kawzi.

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**IKKUNSIDRAT**.

**<u>Konsiderazzjonijiet Legali</u>**

L-attici ghamlet referenza ghal numru ta' artikoli tal-Ligi, fis-sottomissjonijiet taghha.

Dwar il-pussess tal-Istat ta' Wild Legittimu l-**Artikoli 80 u 81 tal-Kap 16** jipprovdu kif gej:-

> **Artikolu 80**:
>
> (1) Il-pussess tal-istat ta' iben legittimu jigi stabbilit minn gabra ta' fatti li, mehudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.
>
> (2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:
>
> (a) illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu hu jghid li hu l-iben;
>
> (b) illi l-missier ikun ittrattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita', haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah;
>
> (c) illi t-tifel ikun gie dejjem maghruf bhala tali man-nies;
>
> (d) illi huwa jkun gie maghruf bhala tali mill-familja.

L-**Artikolu 81 tal-Kap 16** jipprovdi illi:-

> (1) Hadd ma jista jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att tat-twelid bhala iben mnissel jew imwieled matul iz-zwieg u l-pussess ta' stat li jaqbel ma dak l-att.
>
> (2) Hekk ukoll, hadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iz-zwieg li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tieghu.

Fejn il-filjazzjoni legittima tkun pruvata bl-att tat-twelid u bil-pussess ta' stat konformi ghal dak l-att, "*l'azione di contestazione dello stato di figlio legittimo e' inammissibile"* (**Vol.XXIX P1 p 427**). Il-presunzjoni stabbilita bl-Artikolu 67 tal-Kodici Civili hi li "*l-iben mnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu*". Jinsab pacifikament stabbilit illi *"din il-presunzjoni m'hijiex assoluta, imma biss 'juris tantum' u ssir 'juris et de jure' meta l-istat ta' tifel legittimu jirrizulta mhux biss mill-att tat-twelid, imma ukoll mill-pussess ta' stat konformi ghal dak l-att"*. (**Vol. XXXVII P II p 768**).

Dan ifisser li meta z-zewg estremi imsemmija fl-Artikolu 81 tal-Kap 16, cioe' l-att tat-twelid u l-pussess ta' stat, ma jikkonkorrux flimkien l-presunzjoni ma tibqax assoluta u, f'dak il-kaz, l-paternita' legittima rizultanti mill-att tat-twelid tista' tigi eskluza bi provi kif jistabilixxi l-Artikolu 82 tal-Kodici Civili. Il-provi jistghu jkunu ukoll testijiet genetici u xjentifici li jeskludu dik il-paternita', kif ukoll li kien hemm l-impossibilita' fizika li ghammru flimkien hi u r-ragel bejn it-300 u l-180 jum qabel it-twelid tal-minuri.

L-attrici kkonfermat li hija fethet din il-kawza ai termini tal-Artiklu 77 tal-Kap.16 u qed titlob li jinbidel ic-certifikat tat-twelid tal-minuri EDB, ghal "missier mhux maghruf."

L-Artiklu 77B jikkontempla hekk:-

***"It-talba gudizzjarja ghad-dikjarazzjoni li persuna huwa genitur kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan, tista' ukoll tigi ezercitata mill-genitur li wiled permezz ta' rikors guramentat quddiem il-Qorti kompetenti kontra l-konjugi l-iehor, il-genitur naturali u l-wild imwieled fiz-zwieg jekk kemm il-darba tali genitur li wiled jipprova li fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tal-wild tali genitur wettaq adulterju ma' dik il-persuna li dak il-genitur ikun qieghed jitlob li jigi ddikjarat bhala genitur naturali tal-wild u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor li jista' ukoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-genitur naturali tal-wild."***

Izda dan l-Artikolu pero' ghandu japplika biss jekk ma jinholoqx pregudizzju ai termini tal-Artikolu 81 li jiehu precedenza fuq l-applikazzjoni tal-Artikolu 77.

Id-Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa illi l-attrici m'ghandhiex interess guridiku biex ic-certifikat ta' twelid tal-minuri jigi mibdul minn isem il-konvenut ghal "missier mhux maghruf."

Huwa minnu li l-artiklu 77 B jirreferi ghad-dritt tal-genitur li wiled biex jaghmel talba ghall-dikjarazzjoni ta' paternita' u li din ghandha tigi ezercitata kontra l-missier naturali, il-minuri u l-konjugi l-iehor, izda effettivament dak li qed titlob l-attrici hija li l-minuri ma jibqax jidher bhala wild il-konvenut CD fuq ic-certifikat tat-twelid u jinbidel ghal "missier mhux maghruf."

Jirrizulta pero' li l-attrici ma fethitx il-kawza kontra l-missier naturali tal-minuri ukoll, izda semmi biss li l-minuri twieled minn relazzjoni ma' ragel barrani. Qed

tittenta li lanqas tirrikonoxxih bhala missier il-minuri gialadarba qed titlob li fic-certifikat jitnizzel li huwa wild illegittimu u cioe ta' "missier mhux maghruf."

Fuq din il-bazi biss l-azzjoni attrici ma treggix. Madanakollu, l-Artikolu 77 huwa ssoggettat ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 81. L-artikolu 81 jikkreja presunzjoni assoluta biss fejn l-istat tal-minuri jaqbel mal-att tat-twelid. B'dak li qed titlob l-attrici u jekk dina l-Onorabbli Qorti kellha tilqa' t-talba, l-minuri tkun qed tbiddel l-istat taghha, minn wiehed ta' wild legittimu ghall-wild illegittimu u ghalhekk il-presunzjoni ma tibqax assoluta.

Ghal-ligi taghna, l-omm tat-tarbija hija dejjem l-omm li weldet it-tarbija, "**mater semper certa est".** Il-ligi nostrana ma tikkonsidrax b'mod legger talbiet sabiex isir tibdil fl-att tat-twelid ta' persuni mwielda fiz-zwieg. Fil-kawza fl-ismijiet "**Anthony Grima vs Josianne Grima et**", kawza ta' denegata paternita', deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' April 2012 intqal:-

> *"L-azzjoni tallum hija mahsuba mhux biss biex iccahhad lill-ulied mill-istat ta' wlied imnissla matul iz-zwieg izda ukoll biex iccahhadhom mill-familja li fiha illum trabbew, interess li ukoll irid ihares l-artikolu 81(2) (Kap.16), u huwa ghalhekk illi l-ligi ma tridx li tinbidel is-sitwazzjoni ta' min tnissel fiz-zwieg u ghandu stat li jaqbel ma' dak li jghid l-att tat-twelid tieghu".*

Indubbjament, pero' l-attrici accennat ghad-diffikultajiet li qed ikollha teghleb mal-konvenut f'kaz ta' sptar, passaport jew affarijiet importanti li jikkoncernaw lill-minuri. Gie ppruvat ukoll li l-minuri gieli jkun depressed u mdejjaq hafna minhabba din is-sitwazzjoni u dan meta huwa tifel intelligenti.

L-Artiklu 149 tal-kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla hekk:-

***"B'dak kollu li jinsab f'kull disposizzjoni ohra ta' dina l-Kodici, il-qorti tista', jekk tigi murija raguni tajba, taghti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjeta' tal-persuna li tkun taht l-eta' kif jidhrilha xieraq fl-ahjar interessi tat-tifel."***

Il-Qorti mhix konvinta li t-tibdil fic-certifikat tat-twelid tal-minuri hekk kif mitlub minn ommu huwa fl-interess suprem tal-istess minuri. Azzjoni odjerna, l-attrici trid taqta' l-isem tal-konvenut minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri, u minflok thallih vojt. Dan jaf ikun aktar ta' hsara ghall-minuri milli ta' gid, aktar u aktar jekk il-minuri, ilha hekk maghrufa bil-kunjom tal-konvenut.

Ghalhekk il-Qorti qed taqbel mal-eccezzjoni sollevata mid-Direttur tar-Registru Pubbliku, u sejra tiddikjara li l-attrici m'ghandhiex interess guridiku tressaq azzjoni bhal din.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni sollevata mid-Direttur tar-Registru Pubbliku;
Tichad it-talbiet attrici.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-attrici.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Deputat Registratur**